MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 851/2007

**Talba Nru: 851/07 PBC**

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**-vs-**

**Andrews Feeds (Malta) Limited – C 406**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-Assocjazzjoni attrici talbet li s-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sebgha u erbghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€247.38) - (Lm106.20c) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta mis-socjetà konvenuta ghas-sena 2006 *ai termini* tal-istatut tal-istess assocjazzjoni. Minkejja li s-socjetà konvenuta giet nterpellata diversi drabi inkluz bl-ittra bonarja tat-28

t'April, 2007 din baqghet inadempjenti. Bl-interessi mid-data tal-fattura u bl-ispejjez.
Ra r-risposta tas-socjetà konvenuta li biha wiegbet li l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-perjodu li ghalih l-Assocjazzjoni qed titlob il-hlas, is-socjetà ma kinitx membru u ghaldaqstant il-hlas m'huwiex dovut.

Sema' x-xhieda ta' Katya Saliba u ta' Peter Gatt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Victor Axiak ghall-attur u Dr Carmel Chircop ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-7 ta' Dicembru, 1999 is-socjetà konvenuta applikat biex issir socju tal-Assocjazzjoni attrici u din it-talba giet milqugha u minn dak iz-zmien sas-sena 2005 is-socjetà konvenuta hallset il-mizata regolarment. Il-mizata dovuta ghas-sena 2006 hija ta' disghin Lira Maltin (Lm90) plus VAT, jigifieri mija u sitt Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm106.20c) li huwa l-ammont mitlub f'dan l-avviz. M'huwiex kontestat li dan l-ammont ma thallasx. Is-socjetà konvenuta qieghda ssostni li m'hijiex obbligata li thallas dan l-ammont u dan billi fis-7 ta' Mejju, 2006 hija baghtet ittra ta' rizenja u qieghda ssostni li din l-ittra ta' rizenja giet milqugha.

Skond id-Dokument KS2 a fol 22 tal-process, però jirrizulta, li wara li ntbaghtet l-ittra ta' rizenja, l-Assocjazzjoni xorta talbet il-hlas kollu ta' sena shiha u dan billi qieghda tikkontendi li l-mizata tithallas f'Jannar bil-quddiem u ghalhekk meta nkitbet l-ittra f'Mejju 2006, kienet gia dovuta l-mizata ta' sena shiha u inoltre, skond l-Artikolu 7 tal-istess statut hemm miktub hekk:

"However, any resignation which is received during the year will not exempt the member from paying the subscription mentioned in Article 6.1 for the year within which the resignation is tendered"

U dan ifisser illi skond l-istatut is-socjetà konvenuta hija tenuta li thallas ta' sena shiha minkejja li hija rrizenjat f'Mejju.

Peter Gatt xehed illi attwalment matul is-sena 2006 huma lanqas biss uzufruwew ruhhom mis-servizz tal-Assocjazzjoni attrici u ghalhekk dan it-Tribunal, mehud ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment ukoll il-fatt li r-rizenja ntbaghtet f'Mejju u ghalhekk certament minn Gunju 'l quddiem is-socjetà konvenuta ma hadet l-ebda beneficcju minghand l-Assocjazzjoni attrici, huwa tal-fehma li ghandu jkun hemm riduzzjon pro-rata tal-mizata mitluba u dan abbazi tal-principju t' ekwita.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjetà konvenuta ghandha thallas mizata ekwivalenti ghal hamsa minn tnax (5/12) tal-ammont mitlub li jigi ekwivalenti ghal erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm44.25) liema somma hija ekwivalenti ghal mija u tlett Euro u seba' centezmi (€103.07).

In vista tal-premess ukoll ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna s-socjetà konvenuta thallas lill-Assocjazzjoni attrici s-somma ta' mija u tlett Euro u seba' centezmi (€103.07) – (Lm44.25) flimkien mal-interessi mis-7 ta' Mejju, 2006 'l quddiem.  L-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------